DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Mejju 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-entrata tal-Messiku fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati

(notifikata bid-dokument C(2013) 2589)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/217/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-fraži introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8 u l-punt 4 tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE [2], tistabbilixxi regoli dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [3].

(2) Il-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam, stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati, bil-kundizzjoni li dawk il-komoditajiet jikkonformaw mat-trattament imsemmi f'dik il-Parti.

(3) Il-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi t-trattamenti msemmija fil-Parti 2 ta' dak l-Anness, filwaqt li tassenja kodiċi lil kull wieħed minn dawk it-trattamenti. Dik il-Parti tistabbilixxi trattament mhux speċifiku "A" u trattamenti speċifiċi minn "B" sa "F", elenkati mill-aktar wieħed sever għall-inqas wieħed.

(4) Il-Messiku huwa elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE kif awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem meħudin minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, li ġew soġġetti għat-trattament speċifiku D.

(5) Fl-2012 għadd ta' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI) tas-sottotip H7N3 ġew ikkonfermati fl-Istat ta' Jalisco fil-Messiku, f'żona b'densità għolja ta' rziezet fejn jitrabbew it-tjur. Il-Messiku applika politika ta' qerda u wettaq tilqim ta' emerġenza kontra l-influwenza tat-tjur biex jikkontrolla t-tifqigħat.

(6) Fl-aħħar ta' Settembru 2012 ġiet ikkonfermata l-aħħar tifqigħa tal-HPAI ta' dik l-epidemija u f'Diċembru 2012 il-Messiku ddikjara li t-tifqigħat ġew eradikati.

(7) Fit-8 ta' Jannar 2013, il-Messiku nnotifika lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H7N3 fit-tjur fit-territorju tiegħu fl-Istat ta' Aguascalientes. Il-marda nfirxet ukoll lejn l-Istati ta' Jalisco u Guanajuato.

(8) Minħabba l-konferma tat-tifqigħat tal-HPAI, it-territorju tal-Messiku ma jistax jibqa' jitqies bħala pajjiż ħieles minn dik il-marda.

(9) Ir-rikorrenza tat-tifqigħat tal-HPAI tqajjem tħassib dwar l-effettività tal-miżuri, inkluż it-tilqim, li huma applikati fil-Messiku biex jikkontrollaw l-HPAI.

(10) L-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem meħudin minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, li ġew soġġetti għal trattament kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li mhumiex ħielsa mill-HPAI, jitqiesu li jippreżentaw riskju negliġibbli għall-introduzzjoni tal-vajrus fl-Unjoni.

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[2] ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.
[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(11) Madankollu, minħabba l-firxa rapida tal-HPAI u r-riskju li t-tifqigħat tal-HPAI ma jiġux individwati fil-ħin mill-awtorità kompetenti Messikana, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem li joriġinaw f'dak il-pajjiż terz għandhom jiġu awtorizzati biss fejn dawk il-komoditajiet ikunu ġew soġġetti għat-trattament speċifiku B kif stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, billi dak it-trattament huwa aktar sever minn dak attwalment applikabbli għal dawk il-komoditajiet skont il-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(12) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(13) Sabiex jiġi evitat taqlib bla bżonn fil-kummerċ, għandu jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni, li matulu kunsinni ta' prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem meħudin minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, li joriġinaw fil-Messiku u li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni 2007/777/KE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, jistgħu jkomplu jiġu importati lejn l-Unjoni jew jgħaddu minnha.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-15 ta' Awwissu 2013, il-kunsinni, inklużi dawk li jinġarru fuq l-ibħra mqallba, li joriġinaw fil-Messiku, li fihom prodotti tal-laħam u stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem meħudin minn tjur, tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u għasafar tal-kaċċa selvaġġi li ġew soġġetti għat-trattament speċifiku D stabbilit fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jistgħu jiġu importati lejn l-Unjoni jew jgħaddu minnha bil-kundizzjoni li jkunu akkumpanjati biċ-ċertifikat rilevanti komplut u ffirmat qabel is-17 ta' Mejju 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, l-entrata għall-Messiku qed tinbidel b'dan li ġej:

"MX	Il-Messiku	A	D	D	A	B	B	A	D	D	XXX	A	B	XXX"